MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 845/2001/1

**Lucia Scerri**

**Vs**

**Grazio Schembri u Antonia Schembri u b'digriet tat-22 ta' Jannar, 2002, isem il-konvenut gie jaqra Pankrazio**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Awissu 2001 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm97.18 (seba` u disghin Lira Maltin u tmientax-il centezmu) rapprezentanti ta' valur ta' appogg.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-ammont mitlub mill-attrici jirraprezenta l-valur ta' appogg ippratikat mill-konvenuti permezz ta' l-uzu minnhom maghmul ta' hajt li jifred il-fond 47, Triq Hal-Niklusi, Siggiewi, appartenenti lill-attrici, mill-fond 43, fl-imsemmija triq fis-Siggiewi, appartenenti lill-konvenuti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg ittri legali u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi preliminarjament, il-gudizzju mhux integru stante li ulied l-attrici mhumiex parti in kawza bhala werrieta ta' missierhom, u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut huwa Pankrazio Schembri u mhux Grazio Schembri;
3. Illi bla pregudizzju ghall-permess, l-ebda hlas ta' appogg ma hu dovut ghall-hajt stante li dan ilu mibni is-snin, u ghalhekk kull azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-eccezzjoni fondamentali tal-konvenuti tirrigwardja l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici. Mill-provi prodotti pero', u anke mill-insistenza li saret mill-konvenuti kienet taggira l-pendenza dwar jekk effettivament l-istess konvenuti kienux ezercitaw id-dritt li juzaw il-hajt kostruwit mill-attrici.

Illi ghandu jinghad illi fl-ewwel lok hija veru hasra li kwistjoni bhal din spiccat f' dan l-istadju. Ukoll fit-tieni lok, hija kwistjoni bejn zewg (2) girien li jirrisjedu adjacenti ghal xulxin.

Fit-tielet lok, kwalunkwe ezitu ser jimpingji fuq ir-relazzjonijiet futur anke dawk immedjati tal-partijiet. Din il-pendenza messha giet risolta f' forum iehor aktar kompjanenti mis-sitawazzjoni tal-partijiet.

Illi huwa lampanti in-nuqqas ta' produzzjoni tax-xhieda tal-okkupanti tal-precedenti tal-fondi in kwistjoni u/jew dik per iskritta ossia tal-kuntratti tal-akkwist da parti taghhom.

Jibqa biss ix-xhieda konfliggenti ghall-ahhar tal-kontrodenti: L-attrici tallega li l-konvenut wahhal rawbolt u

dielja mal-hajt taghha, fil-waqt li l-konvenuti jallegaw illi huma sabu kollox hemm. Kien serrah ix-xibka tas-saqaf li ried jibdel sabiex ilesti ix-xoghol. Dana huwa konfermat anke mill-perit minnu inkarigat.

Rinfaccjat b' din is-sitwazzjoni it-Tribunal ikollu ta' bilfors tirrikorri ghal principji bazilari li joggovernaw ir-relazzjonijiet guridici taghna. In vista tal-ecezzjoni tal-preskrizzjoni minnhom sollevata l-oneru tal-prova gie invertit fuq il- konvenuti. Il-grad ta' prova mqar fuq bilanc ta' probabiltajiet ma giex sodisfatt. F' sitwazzjoni similari, il-principju tal-eskwita ghandu jmur a favur tal-attrici.

Illi l- kont rikjest mill-attrici ma giex kontestat u qed jigi accettat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' it-talbiet attrici jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil attrici s-somma ta' disghin lira u tmintax il-centezmu (Lm 97.18) bl-interessi.

In vista ta' cirkustanzi specjali tal-kazi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------